Kitba ta' **Joe Balzan**

# Bormla fi Żmien l-Inkiżizzjoni

Nafu li sa mis-sena 1637, kienet infetħet f'Malta skola tal-lingwi arabiċi, li kienet taħt id-direzzjoni ta' l-Inkiżitur. L-iskop tagħha kien sabiex jitħejjew missjunarji biex imorru jaħdmu fost il-Misilmin. Dan it-tagħlim kien isir f'Bormla, għand il-patrijiet Tereżjani (Karmelitani Skalzi) u fil-Belt Valletta, għand il-patrijiet Franġiskani.

L-Inkiżitur Pignatelli (li wara sar Papa Innoċenz XII) kellu tifħir speċjali għal dawn il-patrijiet, għax kienu jiġu preparati sew għall-ħidma missjunarja. Fil-fatt, meta aktar tard bdew imorru f'diversi artijiet oħra, dan Pignatelli kiteb, li l-patrijiet li ħarġu minn dan il-kunvent, fi ħdax-il sena kkonvertew mhux inqas minn mitejn eretku. Nafu ukoll li dan il-kunvent kien jiġi mgħoddi lilu ħlas mid-dħul li l-amministrazzjoni ta' l-Inkiżizzjoni kienet iddaħħal. Insibu li fi żmien l-Inkiżitur Marescotti darba fost oħrajn ġiet mgħoddija s-somma ta' 222 skud 8 rbajja u 10 ħabbiet.

Il-patrijiet Tereżjani (għax hekk magħrufa mal-Bormliżi), kienu dejjem imfittxa biex jagħtu sehem fit-tmexxija ta' l-Inkiżizzjoni. Fl-1625 l-Inkiżitur Onoratio Visconti (1624-1627) kien wieħed strumentali biex dawn il-patrijiet jidħlu fi gżiritna. Il-Kardinal Ludovisi f'isem il-Kongregazzjoni tal-*Propaganda Fide*, nhar il-15 ta' Marzu, 1625 talab lill-Inkiżitur biex jagħmel dak kollu possibbli biex dawn ikunu aċċettati f'Malta. Hekk għamel u rnexxielu!

Minn meta daħlu f'Bormla baqgħu fl-istess post sa llum fejn għadna naraw il-knisja u l-kunvent. Ħafna kienu l-patrijiet li taw is-servizz tagħhom fit-tmexxija tal-inkiżizzjoni. Barra minn hekk, l-istess bħall-patrijiet Dumnikani, dawn il-patrijiet Tereżjani kienu ta' vantaġġ ukoll għall-Inkiżitur minħabba li l-kunventi tagħhom jinsabu viċin tal-palazz ta' l-istess Inkiżitur.

Kienet ferm popolari l-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla fiż-żminijiet imsemmija. Tant kienet importanti għall-Inkiżitur, li fiha nsibu wieħed minn dawn l-Inkiżituri li miet f'Malta u ġie midfun f'din il-knisja. Dan kien Carlo Cavaletti, li miet fis-16 ta' Mejju, 1652, fejn kien sarlu funeral solenni mmexxi mill-Isqof Balaguer,




***L-arma ta' Cavaletti***

flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral u rappreżentanti ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dan meta miet kellu 38 sena u l-ispejjeż tħallsu minn missier l-istess Inkiżitur, in-Nobbli Agostino Cavaletti u anke rħama saret biex dan jibqa' mfakkar.

Fis-17 ta' Jannar 1686, il-Gran Mastru Caraffa ried, u fil-fatt bena post ta' ġabra fl-istess kunvent biex iservi għall-eżerċizzi spiritwali. Dan, biex il-kavallieri jkunu jistgħu jattendu u jkollhom fl-istess ħin Predikaturi (bil-lingwa tagħhom) għall-ħajja spiritwali aħjar. Insibu wkoll lill-Inkiżitur Zondadari jagħmel l-irtir tiegħu hawn qabel ġie ordnat qassis.

Diversi kienu n-nies Bormliżi li dehru quddiem l-Inkiżitur minħabba diversi ħtijiet. Fost oħrajn insibu dawn: Quddiem l-Inkiżitur Paolo Torello ġie akkużat ċertu Salvu Prat iben Ġanni ta' 46 sena, minn Bormla talli ċaħad il-fidi nisranija u ħaddan dik Iżlamika. Dan ġara meta kien qiegħed iwettaq piraterija u nqabad mix-xwieni Pontifiċi fejn ġie mitfugħ fil-ħabs tas-Sant'Uffizzju f'Ruma. Wara li ċaħad li jerġa' jagħmel dan u talab maħfra, ġie meħlus. B'danakollu dan reġa' għal li kien u ġie maqbud mill-Ordni ta' San Ġwann u mogħti f'idejn l-Inkiżitur f'Malta. Wara li kien miżmum fil-ħabs ta' l-istess Inkiżitur fil-Birgu, ħadd ma jaf kif inqata' l-każ u lanqas x'ġara mill-individwu. Bormliżi oħrajn dehru quddiem l-Inkiżitur fuq seħer, dagħa u rġiel li siefru u reġgħu żżewġu.

Tul iż-żmien li damet teżisti l-Inkiżizzjoni f'Malta, dejjem kien hemm numru sostanzjali ta' patrijiet Tereżjani attivi fit-tmexxija ta' l-Inkiżizzjoni. Dawn kienu jkunu magħżula bħala konsulturi, lingwisti u oħrajn, biex jiġbru d-denunzji (stqarrijiet) minn diversi rħula, l-aktar minn Għawdex u mingħand dawk morda u xjuħ li ma jkunux jifilħu joħorġu. Insibu wkoll li darba fost l-oħrajnkien hemm anke l-kappillan ta' Bormla bħala konsultur. Dan kien fi żmien l-Inkiżitur Zondadari.

Insibu, meta wieħed jaqra fuq din l-imbierka Inkiżizzjoni, li ċerti kastigi kienu jingħataw fil-pubbliku, biex dak li jkun ikun iservi ta' eżempju għal ħaddieħor. Kienu jingħataw daqqiet ta' frosta f'xi pjazza ġewwa Bormla u anke kienu jitqiegħdu għal tant ġranet fil-bieb prinċipali tal-parroċċa jgħidu r-Rużarju għarkobbtejhom u b'xemgħa f'idhom.

Fejn tidħol id-domma tal-Konċepiment tal-Madonna, insibu diversi każi li ġew imwassla quddiem l-Inkiżitur. Fost oħrajn quddiem l-Inkiżitur Ruffo, patri Dumnikan nhar is-17 ta' Diċembru, 1720 stqarr li patri Agostinjan fil-festa tal-Kunċizzjoni qal li hu meħtieġ li wieħed jemmen li l-Verġni Marija hija mnissla mingħajr id-dnub oriġinali. Kompla jgħid li dawk li ma jemmnux imisshom jisthu. Il-Patri Dumnikan, peress li ma kienx jaqbel mal-Patri Agostinjan, ħass li kellu jagħmel denunzja quddiem l-Inkiżitur biex jeħles mill-piż tal-kuxjenza.

Fl-1730 insibu każ ieħor simili bejn Patri Agostinjan, Ġużeppi Zammit u Patri Dumnikan, Wistin Borg. L-Agostinjan meta staqsa lid-Dumnikan minn fejn ġej, dan wieġbu li kien għadu ġej minn paneġierku mimli ħmerijiet dwar l-Immakulata Kunċizzjoni. Kompla jgħidlu li kien mimli ħmerijiet u jeħtieġ li wieħed ma jżommux f'rasu. Ġara li dan id-Dumnikan stqarr dan ukoll quddiem l-Inkiżitur.

Dawn huma żewġ każi minn disgħa li nsibu dokumentati. Kienet għadha lura d-Domma tal-Konċepiment ta' Marija.

Nispiċċa din il-kitba billi nsemmi li kien hemm diversi inkiżituri li kellhom x'jaqsmu mal-parroċċa ta' Bormla. Insibu Inkiżitur fratell fil-fratellanza tas-Santissimu Kurċifiss u anke kien Inkiżitur li ta r-relikwa tal-*Vero Lignum* (Salib Imqaddes) lill-parroċċa ta' Bormla.

Ref. *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta* – Alexander Bonnici O.F.M. Conv.